TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 409/11/GZ

**Theresa u Charmaine Galea**

**vs**

**Sarah Elise Agius**

Illum 15 ta' Frar 2012

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-13 ta' Settembru, 2011 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' mitejn u tletin Ewro (€230.00), rapprezentanti l-prezz li hallset ghall-procedura ta' semi-permanent make-up fuq l-eyebrows, pero' liema semi-permanent make up telaq kompletament.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Hija kienet marret ghand l-intimata sabiex tiehu s-servizz ta' semi-permanent eyebrows. Dan sehh tliet (3) darbiet, u mat-tielet darba telaq. Wara li l-intimata tertqet l-gilda kollha tar-rikorrenti u hargetilha hafna demm ghal xejn, ir-rizultat kien dizastruz.

Ir-rikorrenti hasset ruhha aggravata bil-fatt li r-rizultat ta' l-imsemmija procedura kien dizatruz u ghalhekk m'hijiex sodisfatta bir-rizultat ghall-ammont ta' flus li hallset lill-intimata.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

It-talba tal-atturi ghar-rifuzjoni tas-somma msemmija hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, u ghalhekk ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi.

Illi kif ser ikollha okkazzjoni li tispjega l-esponenti, it-trattament in kwistjoni ma rnexxiex ghal ragunijiet li l-ewwelnett la huma attribwibbli lill-esponenti u, tieninett, lanqas ma kellha kontroll fuqhom, u dan kif ser jigi spjegat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi fi kwalunkwe kaz, u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, parti mill-prezz imhallas mill-attrici huwa ghal materjal u 'costs' ohra relatati mat-trattament, u ghalhekk l-eccipjenti m'ghandhiex tigi kkundannata thallas dan il-pezz, ukoll kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Is-socjeta' ntimata ezebiet kopja ta' l-istar system flimkien ma' kopja tal-formola ta' l-'informed consent' datat 22 ta' Novembru 2011 u ffirmata mir-rikorrenti.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub, billi stqarret li meta ghamlet it-trattament tas-semi-permanent eyebrows l-ewwel darba, ma kenitx inghatat *ircevuta. Intqalilha li t-trattament in kwistjoni kellu jsir ta' lanqas darbtejn ohra u li* wara, jekk hemm bzonn, taghmel il-pencil fuq l-eyebrows. Li kien gara kien li wara xi sitt (6) gimghat meta marret ghat-tieni darba tat-trattament, l-make-up fuq l-eyebrows tar-rikorrenti kienu telqu kompletament. Ghalhekk, meta l-intimata kienet rat li l-gilda tar-rikorrenti ma kenitx qed tirritjeni l-kulur in kwistjoni, hija kienet issuggeriet li tghamlilha t-trattament tal-'hair strokes'. Ghal dan kollu, ir-rikorrenti kienet hallset l-ammont ta' mitejn u tletin Ewro (€230.00) lis-socjeta' ntimata.

Ir-rikorrenti ezebiet set ritratti li juru l-eyebrows taghha sia qabel u sia wara t-trattament tas-semi-permanent eyebrows.

It-Tribunal ikkonferma illi ma ghad fadal l-ebda tracci ta' semi-permanent make-up fuq l-eyebrows tar-rikorrenti, pero' nnota wkoll illi ma jidher li hemm l-ebda tip ta' scarring jew marki ohra, hekk kif gie allegat mir-rikorrenti.

It-Tribunal jikkonsidra illi fil-kontro-ezami li sar lir-rikorrenti da parti tas-socjeta' ntimata, l-istess rikorrenti stqarret li hija qatt ma kienet ghamlet trattament bhal dan qabel. Qablet illi l-intimata kienet taghtha cream u kienet taghtha l-istruzzjonijiet sabiex ma tqaxxarx il-gilda. Ir-rikorrenti stqarret illi ma marret ghand hadd iktar ghal xi trattament wara li kienet hadet is-servizz provdut mill-intimata. Lanqas ma kienet marret ghand xi specjalista tal-gilda sabiex titratta l-allegati marki ikkawzati mit-trattament.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi fix-xhieda guramentata ta' l-intimata hija stqarret li kienet ghamlet it-trattament in kwistjoni hekk kif suppost, u li fil-fatt ir-rikorrenti kienet ferhana hafna bir-rizultat (punt illi gie kkonfermat ukoll mir-rikorrenti). Stqarret ukoll illi s-semi-permanent make up m'huwiex bhal tattoo u li dana maz-zmien imur, kif kienet ukoll spjegat lir-rikorrenti. Ziedet tghid illi hija ilha taghmel dan it-tip ta' xoghol sentejn u qatt ma kellha lmenti, u dana lanqas fir-rigward tal-prodotti li tuza. L-intimata qalet ukoll illi skond tabib li kellmet, hemm chance ta' wiehed fil-mija (1%) li l-gilda ma tirritjenix il-kulur uzatt fit-trattament tas-semi-permanent make-up. Wara domanda tat-Tribunal, hija stqarret li kienet tkellmet ma dan it-tabib u saret taf din il-bicca informazzjoni wara li kien gara dak li gara lir-rikorrenti.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, flimkien mal-fatt li hekk kif irrizulta mir-ritratti ezebiti flimkien mal-konferma tar-rikorrenti, it-trattament in kwistjoni kien fil-fatt irnexxa u dana b'rizultat sodisfacjenti ghar-rikorrenti, ihoss li s-socjeta' ntimata kellha l-obbligu li taggorna ruhha bir-riskji, zghar kemm kienu zghar, involuti fit-trattament li kienet qed toffri, u dana sabiex setghat tinforma l-klijenti taghha qabel ma ghazlu l-istess servizzi. Kien ikun b'dan il-mod biss li r-rikorrenti setghat vera tiehu decizjoni rigwardanti jekk kienet lesta li thallas il-prezz stipulat minkejja r-riskju ta' wiehed fil-mija (1%) li l-make-up in kwistjoni jitlaq ghal kollox. Illi ghalhekk, it-Tribunal qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte, a bazi tal-fatt li t-trattament in kwistjoni kien sar kif suppost u b'rizultat sodisfacjenti, u jordna lill-intimata thallas l-ammont ta' mija u hmistax (€115)-il Ewro lir-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra s-socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**